MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2005

Numru 201/2005

**Il- Pulizija**
**(Spettur Stephen J. Gatt)**
vs
**Andrew Brincat**

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Andrew Brincat ta’ 16 il- sena iben Joseph u Janice Galea imwieled Pieta’ fis- 26 ta’ April 1988 u joqghod ‘Joe House, Viani Street, Sliema. I.D. 209688M

Talli fit- 8 ta’ Frar 2005 gewwa l- Imsida:

a) Sar komplici f’ delitt ma persuni ohra meta minghajr awtorita’ legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna jew kellu fil- kustodja jew pussess tieghu, biljett tal- flus falsifikat li kien jaf li l- istess kien falsifikat u dan bi ksur tal- artikolu

46 tal- Kap. 204 tal- Ligijiet ta' Malta u artikoli 42, 43, 45 u 46 tal- Kap. 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

b) Talli fl- istess lok, jum, hin u cirkostanzi gewwa l-Imsida b' mezzi kontra l- ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel titwemmen l- ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor u dan bi ksur tal-artikolu 308 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat in- nota tal- Avukat Generali.

Rat li l- akkuzat ma oggezzjonax li l- kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja minn din il- Qorti.

Rat li l- akkuzat ammetta li kkommetta r- reati taht l-artikoli 46 tal- Kap 204, l- art. 42, 43, 45, u 46 u tenna fil-prezenza ta' l- avukat tieghu wara li l- Qorti fissritlu x' jigifieri ammissjoni.

Issibu hati ta' dawk ir- reati u mhux hati tar- reati that l- art. 308 tal- Kap 9 u tilliberah minn dan.

Rat l- art. 22 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta u ser tapplika lilu stante l- fedina penali nadifa u stante li kkollabora bis- shih mal- Pulizija. Ghalhekk fil- waqt li ssibu hati tilliberah taht l- imsemmi artikolu b' dan li ma jghamilx reat iehor fi zmien sena (1) m' llum. Qed tahtar lil ufficjal tal- probation li jkun approvat mid- Direttur tal-Probation biex jaghti ghajnuna lil hati u jgharraf lil Qorti fi zmien sitt xhur m' illum bl- imgieba tal- hati. Il- Qorti qed tfisser bi kliem car l- import ta' din is- sentenza lil hati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------